**QORTI CIVILI**

**PRIM'AWLA**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM , 28 TA' JANNAR 2021**

**Kawza Numru:**

**Rik. Kost. 64/2016 RGM**

**Martino de Porres sive Martin Leone Ganado (I.D. 835654M), Mary sive Marina mart Robert Arrigo (I.D.551558M) u Dr. Paul Edgar Micallef (I.D. 121560M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Roberta mart Jeremy Biggs (Passaport Malti 820819) u tal-assenti Philip Leone Ganado (Passaport Malti 911581)**

**vs.**

**1. Direttur tas-Sigurtà Socjali**

**2. Superintendent tas-Sahha Pubblika**

**3. Kummisarju tal-Artijiet u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2017 isem Kummissarju tal-Artijiet gie mibdul f'isem Awtorità tal-Artijiet**

**4. Avukat Generali**

**5. B'digriet tat-23 ta' Novembru, 2016 giet kjamata in kawza l-Awtorità tad-Djar**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Martino de Porres sive Martin Leone Ganado, Mary sive Marina mart Robert Arrigo u Dr. Paul Edgar Micallef ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Roberta mart Jeremy Biggs (Passaport Malti 820819) u tal-assenti Philip Leone Ganado** ipprezentat fit-22 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond 101 Triq Sir Adrian Dingli, Sliema liema fond huwa okkupat in parte mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u in parti mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika liema okkupazzjoni rriżultat minħabba ordni ta` rekwiżizzjoni numru 15737 li ħarġet fid-29 ta` Jannar 1943 u konfermata fit-23 ta` April 1956.

Illi minn dak iż-żmien 'il quddiem il-proprjetà ħarġet barra mill-pussess tal-esponenti u inizjalment bdiet tintuża biss mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali iżda sussegwentement ukoll bdiet tintuża wkoll mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika.

Illi ta` dan l-użu l-esponenti qiegħdin jirċievu kumpens annwali ta` €159.89.

Illi l-ammont ta` kumpens li qed jitħallas huwa efimeru tenut kont li l-proprjetà tinsab ġo *prime site* f'Ta` Sliema u apparti dan, l-esponenti jtennu illi ma hemmx skop li din il-proprjetà tibqa` tinżamm mill-intimati stante illi mal-medda taż-żmien kien hemm proprjetà oħra tal-Gvern ta` Malta li setgħet tiġi faċilment użabbli mill-intimati għall-iskop imsemmi.

Illi apparti dan, l-esponenti jtennu illi tali ordni ta` rekwiżizzjoni llum ma tistgħax titqies li hija valida stante illi ma tirrijentrax fil-poteri mogħtija fil-Kapitolu 125 tal-Liġi ta` Malta stante li l-fond mhux qed jintuża biex jipprovdi *living accommodation* għall-persuni.

Illi l-esponenti qed itennu illi ġew leżi u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali u f'kull każ, kif ġa ingħad, il-Gvern għandu jew kellu proprjetà oħra għad-dispożizzjoni tiegħu u ma ntweriex għaliex f'din il-medda tas-snin kollha, kellha tittieħed il-proprjetà tal-esponenti u ma nstabitx proprjetà ulterjuri tal-Gvern stess li setgħet tintuża għal tali skop. Apparti dan, il-piż soffert mill-esponenti huwa piż eċċessiv.

Illi l-esponenti ppruvaw diversi drabi sabiex itemmu din is-sitwazzjoni mingħajr suċċess.

Għaldaqstant igħidu l-intimati għaliex din il-Qorti m'għandiex:

i. Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, ħatja talli ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali; u

ii. Tagħti rimedju li l-Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi relattivi għall-każ u liema rimedju għandu jikkomprendi iżda ma jkunx limitat għall-ordni sabiex il-proprjetà tiġi rilaxxata lura lill-esponenti libera u franka u f'każ li dan ma jistgħax isir, li l-intimati jew min minnhom jgħaddu sabiex isir il-proċess ħalli l-proprjetà tiġi akkwistata *by outright purchase* u li l-esponenti jitħallsu l-*market value price* tal-proprjetà li jkun viġenti fil-mument li jsir il-ħlas relattiv tal-istess prezz u

iii. li l-esponenti jiġi kumpensati kemm għal danni pekunjarji tenut kont tal-fatt li l-kumpens li tħallas l-esponenti huwa wieħed efimeru tenut kont tal-valur tal-istess proprjetà u kif ukoll għal danni non-pekunjarji tenut kont il-leżjoni sofferta u li għadhom qed isofru r-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali, tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika, tal-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Generali** ipprezentata fl-14 ta' Lulju, 2016 fejn inghad kif gej:

Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti kif imfissra fir-rikors promutur huma fis-sens illi l-Ordni ta' Rekwizizzjoni numru 15737 li nħarget fuq il-fond 101 Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, liema fond allegatament jappartjenti lir-rikorrenti, allegatament tivvjola d-drittijiet fundamentali tagħhom senjatament l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jingħata rimedju xieraq u opportun li jikkomprendi ordni sabiex l-intimati jirrilaxxaw liberu u battal il-fond, jew, f'każ illi dan ma jistax isir, li l-intimati jew min minnhom jgħaddu sabiex isir il-proċess ħalli l-propjetà tiġi akkwistata *by outright purchase* u li l-esponenti jitħallsu l-*market value price* tal-propjetà u sabiex jiġu kumpensati kemm għal allegati danni pekunarji u non-pekunarji għall-leżjoni allegatament sofferta.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-

Gvern biss f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet ta-Dipartimenti l-oħra tal-Gvern. L-ilment tal-atturi huwa dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ ta' Ordni ta' Rekwiżizzjoni, materja li llum taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità tad-Djar u għalhekk fil-każ odjern ir-rappreżentanza tal-Gvern tispetta lill-imsemmija Awtorità, minkejja li għal xi raġuni injara lill-esponenti ma ġietx imħarrka fil-proċeduri odjerni. Isegwi għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun imħarrek ukoll bħala parti l-Avukat Ġenerali; kull ma kien meħtieġ kienet biss innotifika tiegħu;

2. Illi dejjem in linea preliminari u mingħajr ħsara għall-premess, in kwantu r-rikorrenti qegħdin jallegaw li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu tal-proċeduri odjerni '*illum ma tirrijentrax fil-poteri mogħtija fil-Kapitolu 125 tal-Liġi ta' Malta stante li l-fond mhuwiex qed jintuża biex jipprovdi living accomodation għall-persuni'* ir-rikorrenti qed jabbużaw minn dan il-proċess kostituzzjonali stante illi kull pretensjoni f'dan is-sens għandha *se mai* tiġi vventilata quddiem il-Qrati b'ġurisdizzjoni ordinarja. Illi għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;

3. Illi fit-tieliet lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Artijiet jeċċepixxi li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu tal-lanjanza tar-rikorrenti ma taqax fil-mansjonijiet tiegħu u għalhekk ma jweġibx għall-ewwel u t-tielet talba rikorrenti. Inoltré, b'referenza għat-tieni talba kif redatta fir-rikors promutur, l-esponent Kummissarju tal-Artijiet jirrileva li huwa ma jistax iniedi l-proċedura formali għall-esproprju sakemm ma jiġix affaċjat b'talba f'dan is-sens minn xi Dipartiment tal-Gvern jew Awtorità Pubblika. In kwantu ma saret l-ebda talba f'dan is-sens rigwardanti l-fond mertu tar-rikors promutur, it-tieni talba tar-rikorrenti hija f'dan l-istadju insostenibbli kontra l-esponent Kummissarju tal-Artijiet;

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4.1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandhom iġibu prova li huma l-proprjetarji tal-fondi in kwistjoni kif qed jallegaw fir-rikors promutur;

4.2. Illi subordinatament, il-ħruġ ta' Ordni ta' Rekwiżizzjoni u l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni sar skont il-liġi u ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif qed jallegaw fir-rikors promutur;

4.3. Illi effettivament, l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni *de quo* jikkostitwixxi biss miżura ta' kontroll ta' użu tal-proprjeta' fil-forma ta' detenzjoni temporanja ta' dik il-proprjetà fl-interess pubbliku;

4.4. Illi jsegwi għalhekk illi l-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li qegħda tiġi invokata mir-rikorrenti hija improponibbli u inapplikabbli fiċ-ċirkostanzi odjerni u dan peress li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'każ ta' teħid forzuż ta' proprjetà. Sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta' bħal meta jkun hemm ordni ta' esproprijazzjoni permezz ta' akkwist b'titolu ta' xiri assolut. Pero' ċertament li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu tal-każ odjern ma twassalx għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà in kwistjoni b'dan illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement kull allegazzjoni f'dan is-sens hija insostenibbli u għandha tiġi miċħuda;

4.5. Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jeċċepixxu li t-teħid temporanju jew restrizzjoni fuq id-dritt ta' propjeta' għall-skop pubbliku mhijiex leżiva tad-drittijiet fundamentali tas-sidien. Skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri soċjali meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali;

4.6. Illi r-rikorrenti ingħataw kumpens xieraq u proporzjonat għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni tenut kont tal-fatt li l-ġurisprudenza nostrana tgħallem li kumpens xieraq għall-privazzjoni tal-propjetà ma għandux ikun il-valur kummerċjali tal-kera tal-fond kif żbaljatament pretiż mir-rikorrenti;[1]

4.7. Illi inoltré, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma ukoll inammissibbli fl-isfond tal-ftehim tas-7 ta' April 2003 fl-atti tan-nutar tal-Gvern Dr Franco Pellegrini hawn anness u mmarkat '**Dok A**';

4.8. Illi jsegwi għalhekk li fiċ-ċirkostanzi odjerni ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kif allegat mir-rikorrenti;

5. Illi finalment u mingħajr preġudizzju, *dato ma non concesso* li ġew leżi d-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif qed jallegaw ir-rikorrenti, ir-rimedji mitluba minnhom mhumiex ġustifikati, *inter alia* għar-raġunijiet segwenti:

[1] Qorti Kostituzzjonali - ***Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar; L-Awtorita` tad-Djar; L Avukat Generali*** – deċiża fl-24 ta' Frar, 2012 (Appell Ċivili Numru. 57/2009/1)

5.1. Illi għal dak il-ksur li seta’ sar u twettaq qabel it-30 ta’ April 1987 l-intimati ma jistgħux jiġu meqjusa bħala responsabbli;

5.2. Illi hu issa ormai ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, meta siden idumu żmien twil sabiex iressqu ilment kostituzzjonali, dan ikun juri li fil-fatt dak l-allegat ksur ma tantx ikun illeda u dejjaq lis-sidien. Dan il-fatt dejjem ingħata qies serju mill-Qrati Kostituzzjonali tagħna;

5.3. Illi proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jigi deċiż jekk il-propjetà għandiex tiġi rilaxxata lura lir-rikorrenti kif pretiż minnhom. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarji;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti, bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat illi b'digriet tat-23 ta' Novembru 2016 giet kjamata in kawza l-Awtorita' tad-Djar filwaqt li b'digriet tal-10 ta' Mejju 2017 isem l-intimat Kummisssarju tal-Artijiet gie mibdul ghal Awtorita' tal-Artijiet.

Rat ir-**risposta tal-kjamat in kawza l-Awtorità tad-Djar** ipprezentata fit-8 ta’ Frar, 2017 fejn gie ecceppiet is-segwenti:

Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti kif imfissra fir-rikors promotur huma fis-sens illi l-Ordni ta’ Rekwizizzjoni numru 15737 li nharget fuq il-fond 101 Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, liema fond allegatament jappartjenti lir-rikorrent, allegatament tivvjola d-drittijiet fundamentali taghhom senjatament l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 37 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jinghata rimedju xieraq u opportun li jikkomprendi ordni sabiex l-intimati jirrilaxxaw liberu u battal il-fond, jew, f'kaz illi dan ma jistax isir, li l-intimati jew min minnhom jghaddu sabiex isir il-process halli l-proprjeta` tigi akkwistata by *outright purchase* u li l-esponenti jithallsu l-*market value price* tal-proprjeta` u sabiex jigu kumpensati kemm ghall-allegati danni pekunarji u non-pekunarji ghall-lezjoni allegatament sofferta.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ma kien hemm ebda htiega li jkun imharrek ukoll bhala parti l-Avukat Generali; kull ma kien mehtieg kienet biss in-notifika tieghu;

2. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr hsara ghall-premess, inkwantu r-rikorrenti qeghdin jallegaw li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni mertu tal-proceduri odjerni *'illum ma tirrijentrax fil-poteri moghtija fil-Kapitolu 125 tal-Ligi ta' Malta stante li l-fond mhuwiex qed jintuza biex jipprovdi "living accomodation" ghall-persuni'* ir-rikorrenti qed jabbuzaw minn dan il-process kostituzzjonali stante illi kull pretensjoni f'dan is-sens ghandha *se mai* tigi vventilata quddiem il-Qrati b'gurisdizzjoni ordinarja. Illi ghaldaqstant huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;

3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Artijiet ma jistax iniedi l-procedura formali ghall-esproprju sakemm ma jigix affacjat b'talba f'dan is-sens minn xi

Dipartiment tal-Gvern jew Awtorita` Pubblika. Inkwantu ma saret l-ebda talba f'dan is-sens rigwardanti l-fond mertu tar-rikors promutur, it-tieni talba tar-rikorrenti hija f'dan l-istadju insostenibbli.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

4.1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni kif qed jallegaw fir-rikors promutur;

4.2. Illi subordinatament, il-hrug ta' Ordni ta' Rekwizizzjoni u l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni sar skont il-ligi u ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif qed jallegaw fir-rikors promutur;

4.3. Illi effettivament, l-Ordni ta' Rekwizizzjoni *de quo* jikkostitwixxi biss mizura ta' kontroll ta' uzu tal-proprjeta` fil-forma ta' detenzjoni temporanja ta' dik il-proprjeta` fl-interess pubbliku;

4.4. Illi jsegwi ghalhekk illi l-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li qeghda tigi invokata mir-rikorrenti hija improponibbli u inapplikabbli fic-cirkostanzi odjerni u dan peress li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'kaz ta' tehid forzuz ta' proprjeta`. Sabiex wiehed ikun jista' jitkellem fuq tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta` bhal meta ikun hemm ordni ta' esproprijazzjoni permezz ta' akkwist b'titolu ta' xiri assolut. Pero` certament li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni mertu tal-kaz odjern

ma twassalx ghal deprivazzjoni totali tal-proprjeta` in kwistjoni b'dan illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement kull allegazzjoni f'dan is-sens hija insostenibbli u ghandha tigi michuda;

4.5. Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jeccepixxu li t-tehid temporanju jew restrizzjoni fuq id-dritt ta' proprjeta` ghall-skop pubbliku mhijiex leziva tad-drittijiet fundamentali tas-sidien. Skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jghaddi dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` skont l-interess generali. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri socjali mehtiega ghall-harsien tal-interess generali;

4.6. Illi r-rikorrenti inghataw kumpens xieraq u proporzjonat ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni tenut kont tal-fatt li l-gurisprudenza nostrana tghallem li kumpens xieraq ghall-privazzjoni tal-proprjeta` ma ghandux ikun il-valur kummercjali tal-kera tal-fond kif zbaljatament pretiz mir-rikorrenti;[1]

4.7. Illi inoltre`, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma ukoll inammissibbli fl-isfond tal-ftehim tas-7 ta' April 2003 fl-atti tan-nutar tal-Gvern Dr Franco Pellegrini anness u mmarkat '**Dok A**' mar-risposta tal-intimati l-ohra;

---

1 Qorti Kostituzzjonali – **Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar; L-Awtorita` tad-Djar; l-Avukat Generali** – deciza fl-24 ta' Frar, 2012 (Appell Civili Numru 57/2009/1)

4.8. Illi jsegwi ghalhekk li fic-cirkostanzi odjerni ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif allegat mir-rikorrenti;

5. Illi finalment u minghajr pregudizzju, *dato ma non concesso* li gew lezi d-drittijiet sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif qed jallegaw ir-rikorrenti, ir-rimedji mitluba minnhom mhumiex gustifikati, *inter alia* ghar-ragunijiet segwenti:

5.1. Illi ghal dak il-ksur li seta' sar u twettaq qabel it-30 t'April 1987 l-intimati ma jistghux jigu meqjusa bhala responsabbli;

5.2. Illi hu issa ormai ritenut fil-gurisprudenza taghna li, meta sidien idumu zmien twil sabiex iressqu ilment kostituzzjonali, dan ikun juri li fil-fatt dak l-allegat ksur ma tantx ikun illeda u dejjaq lis-sidien. Dan il-fatt dejjem inghata qies serju mill-Qrati Kostituzzjonali taghna;

5.3. Illi proceduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jigi deciz jekk il-proprjeta` ghandiex tigi rilaxxata lura lir-rikorrenti kif pretiz minnhom. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarji;

6. Illi t-trapass ta' tant zmien biex ir-rikorrenti jaghmlu l-kawza jimmilita kontra l-istess rikorrenti u juri li ghal hafna snin huma kienu addirittura kuntenti b'dak li kienu qed jithallsu ghal dik il-proprjeta`. Dan it-trapass ta' zmien ghandu jimmilita biex inaqqas il-kumpens li talvolta jista jigi akkordat lir-rikorrenti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti, bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat il-provi kollha li tressqu waqt il-prosegwiment tal-proceduri;

Rat illi fil-15 ta' Novembru 2017 gie nominat il-Perit Godwin Abela sabiex jaghmel stima fuq il-proprjetà inkwistjoni u dan kemm ghar-rigward tal-valur tal-proprjetà kif ukoll ghal valur lokatizzju taghha;[2]

Rat ir-rapport tal-istess Perit ipprezentat fid-9 ta' Jannar 2018;[3]

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali, Superintendent tas-Sahha Pubblika u tal-Avukat Generali[4] u r-risposti mill-Perit ghall-istess mistoqsijiet[5];

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tar-rikorrenti[6] u r-risposti mill-Perit ghall-istess mistoqsijiet[7];

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tal-Awtorità tad-Djar[8] u r-risposti mill-Perit ghall-istess mistoqsijiet[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata fis-27 ta' Novembru 2019[10], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Awtorità tad-Djar ipprezentata fl-20 ta' Dicembru 2019[11], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tad-Direttur tas-Sigurta Socjali ipprezentata fil-31 ta' Dicembru 2019[12] u n-nota ta' sottomissjonijiet tas-Superintendent tas-

---

[2] Pagna 112 tal-process.
[3] Pagna 126 tal-process.
[4] Pagna 135 tal-process.
[5] Pagna 143 tal-process.
[6] Pagna 137 tal-process.
[7] Pagna 139 tal-process.
[8] Pagna 140 tal-process.
[9] Pagna 142 tal-process.
[10] Pagna 247 et seq tal-process.
[11] Pagna 262 et seq tal-process.
[12] Pagna 273 et seq tal-process.

Sahha Pubblika ghad-Dipartiment tas-Sahhaipprezentata fit-8 ta' Jannar 2020[13];

Rat li fis-seduta mizmuma fit-30 ta' Settembru 2020 il-legali tal-Awtorità tal-Artijiet iddikjarat li qed tistrieh fuq is-sottomissjonijiet maghmula mill-intimati l-ohra;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti Antecedenti l-Kawza**.

Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond 101, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, liema fond huwa okkupat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali kif ukoll mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika. Din l-okkupazzjonijiet sehhet in segwitu ghal ordni ta' rekwizizzjoni numru 15757 li harget fid-29 ta' Jannar 1943 u konfermata fit-23 t'April 1956. B'kuntratt ta' donazzjoni tal-21 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel, omm ir-rikorrenti ghaddiet il-fond mertu tal-kawza lill-ahwa rikorrenti. Ghal din l-okkupazzjoni r-rikorrenti qeghdin jigu kumpensati mija u disgha u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€159.89) fis-sena. Ir-rikorrenti jsostnu li l-ordni ta' rekwizizzjoni ma tistax titqies valida stante li l-fond m'huwiex qieghed jintuza sabiex jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali. Mill-provi jirrizulta li filwaqt li s-Superintendent tas-Sahha juza l-fond bhala mahzen, id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ghandu l-ufficini tieghu fl-istess proprjetà.

Wara li l-proprjetà giet fil-pussess tar-rikorrenti, huma ddecidew li jizviluppaw l-imsemmija proprjetà f'appartamenti u *penthouse*. Kien ghalhekk li bdew negozjati dak iz-zmien mad-Dipartiment tal-Artijiet. Fis-7 t'April 2003 il-Gvern iffirma kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dr. Franco Pellegrini fejn sar qbil li l-Gvern ikun is-sid assolut tal-ewwel sular ta' dan l-izvilupp il-gdid. Fuq dan il-kuntratt kien hemm kundizzjoni rezoluttiva illi jekk ma johrogx il-permessi tal-izvilupp propost fi zmien hames snin mill-kuntratt, "*the parties hereto are to revert to the status quo ante that is to the right of lease in favour of the abovementioned two departments and the present tenants under the same terms and conditions of lease as of today*." L-applikazzjoni ghall-izvilupp giet michuda u ghalhekk ma sar l-ebda zvilupp b'konsegwenza li l-ftehim tal-2003 gie fix-xejn. Kien ghalhekk li Dipartiment tas-Sigurtà Socjali kif ukoll id-Dipartiment tas-

[13] Pagna 286 et seq tal-process.

Sahha Pubblika baqghu jaghmlu uzu mill-fond kif kienu qeghdin jaghmlu qabel saret l-applikazzjoni.

Kien ghalhekk li fit-22 ta' Gunju 2016, ir-rikorrenti ghaddew biex intavolaw il-procedura odjerna fejn sostanzjalment qeghdin jilmentaw li huma gew imcahhda mid-dritt fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom kif sancit taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-agir tal-Gvern huwa aktar sanzjonabbli tenut kont illi l-Gvern ghandu jew kellu proprjetà ohra ghad-dispozizzjoni tieghu ghall-uzu imsemmi izda ghazel xorta wahda li jirrekwizzjona l-fond tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat;
**Provi tal-Partijiet**.

Xehed ir-rikorrent **Martin de Porres Leone Ganado** permezz t'affidavit ipprezentat fil-11 t'Ottubru 2016. Jghid li din il-kawza tirrigwarda l-proprjetà 101 Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, liema proprjetà ghaddiet ghandu u ghand hutu b'kuntratt ta' donazzjoni minghand ommhom fl-atti tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel fil-21 ta' Dicembru 1999. Jghid li fis-sena 2000 thajjru jizviluppaw il-proprjetà mertu tal-kawza u bdew negozjati dak iz-zmien mad-Dipartiment tal-Artijiet. Jixhed li fil-bidu huma kienu pproponew li jwaqqghu l-binja ezistenti u minflok ikun hemm total ta' livell terran, sitt sulari u penthouse u kienu wkoll disposti li jaghmlu *rental agreement* gdid mal-Gvern biex jikru l-ewwel sular u dan peress li l-livell terran kien ser iservi bhala entratura u access ghal-garaxxijiet fil-*basement level*. Ikompli jghid li din il-proposta l-Gvern m'accettahiex u kien ghalhekk li kien hemm ftehim li jekk il-proprjetà tigi zviluppata, il-Gvern ikun is-sid assolut tal-ewwel sular u kien ghalhekk li sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Franco Pellegrini fis-7 t'April 2003. Fuq dan il-kuntratt kien hemm kundizzjoni rezoluttiva illi jekk ma johrogx il-permess tal-izvilupp propost fi zmien hames snin mill-kuntratt, "*the parties hereto are to revert to the status quo ante that is to the right of lease in favour of the abovementioned two departments and the present tenants under the same terms and conditions of lease as of today*." Ix-xhud jghid li huma kienu applikaw ghall-permess tal-izvilupp izda l-applikazzjoni ma gietx milqugha u ghalhekk ma sar l-ebda zvilupp bil-konsegwenza li l-ftehim tal-2003 gie fix-xejn. Ix-xhud jinsisti li bil-kera baxxa li qieghda tithallas meta paragunat mal-prezzijiet tal-kera tal-lum il-gurnata, id-dritt kostituzzjonali taghhom qieghed jigi lez. Huwa jghaddi sabiex jghid li l-Gvern ghandu proprjetajiet ohra li setgha juzu fosthom l-art gewwa Tigne kif ukoll diversi kmamar fil-livell terran formanti parti

mill-iskola. Martin Leone Ganado jghid li gie inkarigat il-Perit Wallace Farrugia li ghamel rapport kif ukoll stima tal-proprjetà li juri kemm il-kumpens huwa ferm baxx. Jghid li anke jekk kien hemm xi skop sabiex isir rekwizizzjoni, mal-moghdija taz-zmien il-Gvern kellu jsolvi l-problema u mhux jinqeda bi proprjetà privata.

Fis-26 ta' Mejju 2019 sar il-kontro-ezami ta' Martin de Porres Leone Ganado. Huwa ikkonferma li qabel giet istitwieta din il-kawza, huma ma fethu l-ebda proceduri legali ohra rigward l-imsemmija proprjetà. Huwa jghid li ghalkemm dan il-post huwa 'mitluq', dan qieghed jintuza mid-Dipartiment tas-Sahha u mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali.

Xehed **Manwel Darmanin**, Assistent Direttur, mal-Awtorità tal-Artijiet. Ix-xhud gie mitlub ihejji lista ta' proprjetà li l-Gvern ghandu f'tas-Sliema u ghalhekk waqt din is-seduta x-xhud ipprezenta lista ta' din il-proprjetà. Waqt ix-xhieda huwa jikkjarifika li dak li ghamel huwa fil-fatt indikazzjoni ta' x'hemm u m'hemmx proprjetà. Waqt it-tieni xhieda tieghu tat-3 ta' Lulju 2017, ix-xhud ipprezenta sett ta' pjanti ohra li huma aktar cari u fihom jindika l-*basement* tal-iskola kif ukoll il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema, u *encroachment* lil Sliema Scout Group, li jifforma wkoll parti mill-iskola. Fil-pjanti gew ukoll indikati proprjetajiet li gew mifdija mic-censwalist ghaliex kienu residenzi. Gie indikat ukoll proprjetà li nzammet mill-Knisja. Gie immarkat ukoll is-*substation.* Ix-xhud indika wkoll proprjetà tal-Gvern li illum qieghda ghand Midi plc b'cens li ghandu sal-2050 u bdiet mill-2000. Qabel ghaddiet lil Midi plc din l-art kienet tas-servizzi Inglizi u meta telqu saret proprjetà tal-Gvern. Fil-pjanti giet ukoll indikata proprjetà ohra li giet koncessa lil Gap Holdings Ltd mis-sena 2007.

Xehed permezz ta' affidavit **Mario Magro**, ufficjal tal-Awtorità tad-Djar fejn jghid li l-proprjetà 101 Dingli Street Sliema giet rekwiżizzjonata fit-23 t'April 1956 bin-numru RO 15737[14] fejn din il-proprjetà intuzat ghal diversi snin bhala ufficju governattiv tas-sahha kif ukoll tas-servizzi socjali. Jghid li d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ilu jokkupa dik il-proprjetà mis-sena 1956. Jispjega li f'April 2003 gie ffirmat ftehim bejn is-sidien u l-Gvern ta' Malta fl-atti tan-Nutar Franco Pellgrini fejn permezz tieghu "s-sidien kienu ntrabtu b'dan il-ftehim li jsibu proprjetà alternattiva lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u lid-Dipartiment tas-Sahha sakemm dan l-izvilupp jigi komplet. Fil-fatt is-sidien kienu sabu proprjetà alternattiva li kienet 23 Triq Graham Sliema. Is-sidien kienu obbligaw ruhhom li jaghtu b'titolu ta' donazzjoni lill-Gvern l-ewwel sular tal-blokk

[14] Kopja tar-rekwizzizzjoni tinstab f'pagna 85 tal-process.

li kien ser jigi kostruwit."[15] Magro jispjega li l-kuntratt kien jinkludi premessa li tippreciza li hekk kif johrog il-permess mill-Awtorità kompetenti, id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali kellu johrog ordni ta' derekwizizzjoni, izda jekk il-kostruzzjoni ma ssirx kollox jerga jirriverti lura ghal ftehim precedenti li l-proprjetà tibqa tinkera liz-zewg Dipartimenti suindikati. Jghid li fl-1 ta' Novembru 2006, Victor Zammit Tabona nforma lill-Gvern li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet irrifjutat li tohrog il-permessi sabiex isir l-izvilupp.

Waqt is-seduta mizmuma fis-16 ta' Mejju 2018 xehed **Joel Fenech**, mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Dan ix-xhud gie mitlub jixhed dwar l-uzu tal-iskola tal-Gvern li tinstab imdawra b'erba' toroq. Ghal dan Fenech jghid li "l-binja tikkonsisti fi tlett sulari, ..... is-sular ta fuq nett u ta' tahtu jintuzaw bhala skola, is-sular ta' taht nett hemm diversi uzi ahna ghandha bicca minnu li tintuza bhala hall, bicca ohra li tintuza mill-iscouts u bicca ohra li tintuza mill-kunsill lokali ta' Tas-Sliema."[16] Ix-xhud jghid li huwa jaf li l-iscouts qeghdin jaghmlu uzu mis-sular ta' isfel ghax gieli ghadda minn quddiemhom u m'ghandhom x'jaqsmu xejn mad-dipartiment; jghid li huwa jista' jghid biss min minn qed tintuza l-parti tal-binja uzata minnhom. Jikkjarifika li minhabba li l-popolazzjoni gewwa tas-Sliema kbira, l-iskola sekondarja kellha tigi *phased out* minn dik il-binja u ghalhekk issa saret binja kollha ghall-iskola primarja. In kontro-ezami huwa jikkjarifika li huwa ma jafx kemm hi kbira l-parti li qeghdin jokkupaw l-iscouts. Ix-xhud rega' xehed fit-13 ta' Gunju 2018 fejn huwa pprezenta l-ammont ta' studenti li kien hemm mill-2013 sal-2018 u kemm qeghdin jahsbu li ser ikun hemm fis-sena 2018 – 2019 u 2019 – 2020. Huwa jghid li mill-2013 fejn l-ammont ta' studenti kien ta' 276 huma qeghdin jipproggettaw li sas-sena 2020 ikun hemm 460 student fl-iskola primarja. Ix-xhud spjega li peress li l-iskola hija mdawwra b'erba' toroq, hemm zewg toroq paralleli fejn il-livelli taghhom m'huwiex l-istess tant li hemm xi sular dizlivell. Jghid ukoll li dan is-sular m'huwiex fond daqs is-sulari ta' fuqu, fejn ghalhekk hemm faccata shiha u bicca zghira fuq zewg nahat ohra li tista' tintuza. Il-kumplament ghadu blat li ma giex imqatta. In ri-ezami fir-rigward tal-ammont ta' studenti ix-xhud spjega li l-istudenti mhux kollha ta' tas-Sliema imma hemm *catchment area*, fejn il-maggoranza hija tas-Sliema, imbaghad hemm bicca zghira mill-periferija tal-Gzira. Huwa spjega wkoll li l-ammont ta' studenti ma zdiedx ghax inbidel il-*catchment area* jghid li "il-*catchment area* ckienet proprjament. L-ammont ta' studenti kiber ghax il-popolazzjoni ta' Tas-Sliema kibret hafna ghax gew hafna barranin."[17] Ix-xhud ipprezenta wkoll

[15] Pagna 83 tal-process.
[16] Pagna 153 tal-process.
[17] Pagna 166 tal-process.

korrispondenza elettronika fejn Grazio Barbara, Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali baghat isaqsi jekk jistghux jaghmlu uzu minn xi kmamar mill-iskola "sekondarja ta' Triq Blanche Huber, li incidentalment hija ftit metri boghod minn fejn illum il-gurnata d-DSS joffri s-servizzi tieghu", is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni kien irrisponda fl-14 ta' Mejju 2018 fejn qallu li "f'dan il-kaz ma nistghux nassistu."[18]

Xehdet **Dr. Marisa Grech**, Senior Manager (Contracts) mal-Awtorità tal-Artijiet fejn spjegat li Sliema Scout Group ghandhom uzurpazzjoni li bdiet mill-1971 li gie sostitwit fl-2005. Fir-rigward tal-Kunsill Lokali tghid li hemm ftehim ta' kiri li sar fit-12 t'Ottubru 2007 u fejn il-kirja hija ta' elfejn, u erbgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,054.51). Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-iskola, Dr. Grech tghid li ma sabet l-ebda kuntratt izda sabet dokument li turi li d-dipartiment tal-edukazzjoni ihallas kirja ta' tlieta u tletin elf, erba' mija u tlieta u sebghin Ewro (€33,473). Meta giet mistoqsija dwar il-Berga, ix-xhud qalet li ma nstabet l-ebda informazzjoni jew kuntratti li jindika li inghatat ghal Berga.

Dr Marisa Grech pprezentat affidavit fid-9 ta' Settembru 2019 fejn spjegat li l-file relattiv infetah fl-1967 u l-ewwel korrispondenza li hemm f'dak il-file hija ittra mis-sid datata 16 ta' Marzu 1967[19]. Korrispondenza ohra li tinstab fil-file hija ittra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali datata 22 ta' Marzu 1967 fejn kienu talbu post alternattiv ghal fond 101, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema. Ix-xhud tkompli tghid li l-assistent Kummissarju tal-Artijiet kien irrisponda fit-30 ta' Marzu 1967 jinformahom li ma kien hemm l-ebda fond disponibbli ghal dak il-ghan. Tkompli tghid li l-Ministeru tax-Xoghol u Rikostruzzjoni kien talab li jigi allokat kamra gewwa l-fond mertu ta' din il-kawza, izda b'ittra tal-10 ta' Lulju 1978, l-imsemmi ministeru gie informat li dak il-fond kien gie rekwizizzjonat u ghalhekk it-talba taghhom kellha tigi indirizzata lil Housing Secretary. Dr. Grech tghid ukoll li l-fond 101, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema gie rekwizizzjonat fis-snin erbghajnijiet u kien jintuza mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u mid-Dipartiment tas-Sahha li kienu jhallsu tnejn u hamsin Lira Maltija (Lm52) ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrin ewro u tlettax-il centazmu (€121.13). Fl-2003 is-sidien kienu talbu lill-Ministeri rispettivi ta' dawn id-dipartimenti sabiex "ihalluhom iwaqqghu din il-proprjetà u minflokha jibnu blokk appartamenti. Is-sidien kienu offrew li jaghtu wiehed mill-appartamenti lil Gvern u fost il-kundizzjonijiet li talbu kien hemm li dan il-fond jigi derekwizizzjonat."[20] Tkompli tghid li l-

[18] Pagna 171 tal-process.
[19] Pagna 221 tal-process.
[20] Pagna 220 tal-process.

permess mill-MEPA ma inghatax u ghalhekk dak li kien gie maqbul ma setax isehh.

Xehed **Malcolm David Micallef**, Kap tad-Dipartiment tal-*Environment Health Directorate* u ilu jahdem mas-santità ghal aktar minn tletin sena. Ix-xhud jikkonferma li l-fond 101, Triq Sir Adrian Dingli qieghed jintuza mis-Supritendent tas-Sahha bhala ufficcju distrettwali bhala *store* tal-files ghal dik ir-raguni ghalhekk il-haddiema jahdmu minn post iehor. In kontro-ezami huwa jghid li l-post ilu ma jintuza bhala ufficcju ghal bejn wiehed u iehor sena u nofs, sentejn. Jghid li l-ufficcju qieghed fid-Direttorat cioe Old Railway Road, Santa Venera. Ghal mistoqsija jekk kienx hemm tentattiv sabiex jintuza l-post gewwa Santa Venera bhala mahzen, ix-xhud spjega li dan il-post ghandu l-limitazzjonijiet tieghu. Jghid li hemm diversi postijiet li qeghdin jintuzaw minnhom bhala mhazen. Jghid li l-files ghal kull post fejn jinhadem l-ikel, jinbiegh l-ikel, ecc tar-regjun ta' tas-Sliema, Paceville, San Giljan, ecc jinstab gewwa l-fond mertu ta' din il-kawza. Jghid li huwa personalment m'ghamilx tentattiv biex ma tibqax tintuza proprjetà privata, u dan ghaliex huwa m'ghandux x'jaqsam fuq dak l-att. Jghid li huwa jaf li l-post dejjem gie mikri lilhom u dejjem halsu l-kirja u jiftakar ukoll li kien hemm xi tentattiv sabiex tigi zviluppata l-proprjetà izda huwa ma jafx x'kien gara. Jghid li lanqas ma jaf jekk kienx hemm tentattiv minn xi hadd iehor dwar dan. Ix-xhud jghid li l-post ta' Santa Venera m'huwiex tal-Gvern izda huwa mikri lilhom u ilhom hemm hekk hames snin zgur. Jghid li d-decizzjonijiet kienu johduhom is-Supretendent tas-Sahha Pubbliku u d-Direttur ta' dak iz-zmien, izda minn ha d-decizjoni sabiex jiccaqalqu x-xhud ma setax jghid. Fir-rigward tal-post ta' tas-Sliema, ix-xhud jghid li huma kienu jokkupaw kamra wahda u *toilet* fil-livell t'isfel u kamra ohra fuq l-istess kamra li kellhom isfel. Illum il-gurnata ghadhom juzaw dawn il-kmamar. L-ghamara ghadha hemm izda qieghed jintuza bhala mahzen.

Fil-21 ta' Mejju 2019 xehed **Martin Buhagiar**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. Ix-xhud jikkonferma li huma juzaw il-fond 101 Triq Sir Adrian Dingli, Sliema bhala ufficcju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. Jghid li l-ewwel dokument fil-file jmur lura ghat-13 ta' Marzu 1945 izda f'ittra ohra kien hemm referenza li l-fond kien jintuza ghall-istess skop fl-1943, minghajr data preciza. Il-funzjonijiet tal-imsemmi post huwa li joffri s-servizz kollu li joffri d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. Huma l-akkwati ta' tas-Sliema li jaghmlu uzu minn dak l-ufficcju. In kontro-ezami ix-xhud jikkjarifika li fl-ittra tal-1945 ma inghata l-ebda indirizz specifiku ghajr li kienu qeghdin jikkommunikaw id-dipartimenti governattivi bejniethom dwar kamra go post. Ix-xhud jghid li l-ewwel indirizz 29, Dingli Street Sliema jissemma l-ewwel darba f'ittra tat-28 ta' Gunju 1945. Ir-referenza ghas-sena 1943 saret f'ittra tal-1967

mibughata minn Joseph Leone Ganado lid-Direttur tas-Sigurtà Socjali fejn tghid hekk:

> *"Dear Sir, I beg to state that my wife is the owner of the house at Sliema Lydia 101 Dingli Street. This tenament which was never requisitioned was let to the Social Service in 1943 and still being used as offices by the Department. My daughter is engaged to be married in the near future and consequently she is in need of the house. The Commissioner of Lands is asking the tenders in respect of newly erected offices into High Street Sliema. I beg the request that the house in Dingli Street be vacated and the premises at High Street Sliema to be used as offices by the Social Services."*[21]

In segwitu ghal din l-ittra, jirrizulta li d-Direttur ta' dak iz-zmien kien ghamel talba lill-Kummissarju tal-Artijiet ghal postijiet alternattivi u anke kien indika xi postijiet hu, izda sussegwentement irrizulta li dawk il-postijiet kienu kundannati jew ma kienux accessibbli ghall-pubbliku. Ikompli jghid li anke l-fond li ghandhom bhalissa, u cioe dak mertu tal-kawza, wkoll m'huwiex accessibbli ghall-pubbliku minhabba li ghandu t-tarag. Jikkonferma li wara l-1967 saru tentattivi ohra anke dawk ricenti fejn ippruvaw jaraw xi post gewwa Amery Street li wkoll kienet proprjetà privata izda ma setghux jaghmlu uzu minnu ghaliex kien zghir u ghalhekk ghadhom qeghdin ifittxu proprjetajiet ohra. Jghid li jekk jiftakar tajjeb it-talba tal-kirja ghal dak il-post kien ta' aktar minn mija u hamsin Ewro (€150) fil-gurnata. Fir-rigward tal-fond li jaghmlu uzu minnu bhalissa, huma ghandhom zewg ufficini, *waiting area*, u sala zghira.

Ikkunsidrat;

**Eccezzjonijiet**.

**Avukat tal-Istat mhux legittimu kontradittur**

L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat, hija fis-sens illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur u dan peress li l-hrug ta' ordni ta' rekwizizzjoni taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità tad-Djar u huwa ghalhekk li r-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawza odjerna tispetta lill-istess Awtorità.

L-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12** jipprovdi li

[21] Pagna 205 tal-process.

> “(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.”

Mill-atti jirrizulta li l-kawza odjerna tirrigwarda principalment ir-riperkussjonijiet legali tal-ordni ta’ rekwizizzjoni mahruga mill-Gvern tramite d-Dipartiment responsabbli mid-Djar u huwa ghalhekk li dak li qeghdin jitolbu f’din l-azzjoni hija d-dikjarazzjoni tan-nullita tal-ordni ta’ rekwizizzjoni in dizamina ghar-raguni li din kisret id-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti bil-Kostituzzjoni ta’ Malta u il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Il-procedura odjerna m’hijiex intiza sabiex tattakka l-validità tal-Kapitolu 125, Att dwar id-Djar, li a bazi taghha inharget l-ordni ta’ rekwizizzjoni in dizamina u lanqas biex l-imsemmija liġi tigi dikjarara li qieghda tikser il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni.

Mill-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 125** jirrizulta li l-hrug ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni taqa’ fir-responsabbiltà tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u huwa hu biss li jista’ johrog tali ordnijiet: “Jekk id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku [...] huwa jista’ joħroġ rekwiżizzjoni għal kull bini, u jista, jagħti struzzjonijiet li jidhirlu li huma meħtieġa jew xierqa sabiex ir-rekwiżizzjoni tista’ jkollha effett u tkun tista’ sseħħ.”.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Grech et vs. Awtorità tad-Djar et** (Rik Kost 21/2012) deciza fit-12 ta’ Frar 2016 mill-Qorti Kostituzzjonali:

> “5. Konvenut f’din il-kawża la huwa l-Awtorità Intimata u lanqas l-Avukat Ġenerali; il-konvenut huwa l-Gvern ta’ Malta u, jekk għandu jingħata rimedju mill-Gvern ta’ Malta, kull ma hu meħtieġ hu illi l-gvern ikun rappreżentat fil-kawża. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk għandux ikun imħarrek l-Avukat Ġenerali jew l-Awtorità Intimata, iżda min għandu jidher f’isem il-Gvern ta’ Malta. Dwar dan, il-liġi, fl-art. 181B tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija ċara: f’isem il-Gvern ta’ Malta jidher il-“kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni”; jidher l-Avukat Ġenerali f’isem il-Gvern ta’ Malta biss “f’dawk latti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti loħra tal-Gvern”.
>
> 6. Fil-każ tal-lum l-ilment tal-atturi huwa dwar il-konsegwenzi tal- ħruġ ta’ ordni ta’ rekwiżizzjoni, materja llum fil-kompetenza tal-Awtorità

Intimata li, għalkemm mhix dipartiment tal-gvern, għandha r-responsabilità ta' setgħat governattivi u għalhekk tintlaqat bl-art. 181B fuq imsemmi.

7. Għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun imħarrek ukoll bħala parti l-Avukat Ġenerali; kull ma kien meħtieġ kienet biss in-notifika tiegħu."

Fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-ligi kif ukoll il-gurisprudenza, din il-Qorti qed tiddeciedi illi l-Avukat Generali illum l-Avukat tal-Istat ma hux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u ghalhekk qed tilliberah mill-ossservanza tal-gudizzju.

**Rimedju ordinarju**

Fit-tieni eccezzjoni taghhom, ir-rimanenti intimati, inkluz l-Awtorità kjamata in kawza, jishqu li r-rikorrenti ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319, Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, li jipprovdu kif gej.

**Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni**:-

"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għallprotezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan issubartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik ilpersuna skont xi liġi oħra."

**Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319** huwa identiku ghall-artikolu tal-Kostituzzjoni appena citat.

Sabiex il-Qorti tiddetermina jekk ghandhiex taghzel li twettaq is-setghat moghtija lilha, hija ghandha tikkunsidra jekk ir-rimedju alternattiv huwiex wiehed xieraq, effettiv, adegwat u accessibli. Fil-kawza **Victor Spiteri vs. Avukat Generali** (Rik Nru 1/2008 JRM) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti

Civili (sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Settembru 2008 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 t'Ottubru 2009 gie spjegat li:-

> "Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;"

Il-principju li l-Qrati ghandhom jizguraw huma u jikkunsidraw jekk rikorrent ghandux (jew kellux) ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju huma ormai assodati fil-gurisprudenza lokali. Fost dawn wiehed isib il-kawza fl-ismijiet **Olena Tretjak vs. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs** (Rik Kost 22/2005) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 tigbor b'mod komprensiv l-insenjament tal-qrati kostituzzjonali:

> "Illi l-ezistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk ghandhiex twarrab mili tezercita s-setgha taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Zahra v. Awtorita` tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179).]. F'kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f'kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma eccediex l-ezercizzju tas-setgha taghha;
>
> "Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f'dan ir-rigward triq titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-legislatur ried li jilhaq biha: jigifieri, li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, min-naha l-ohra ma jigrix li, minhabba thaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinzamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali ghal dik il-persuna. Kif

inghad dan l-ahhar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex, min-naha l-wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wicchom kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jitfitxxu rimedji ohrajn imcahhda, mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta [Kost. **27.2.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***John Sammut v. Awtorita ta' l-Ippjanar et***][22];

"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: LXXV.i.106).]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi [P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata).];

"Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu; (d) in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali

[22] Ara wkoll **Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et** (Rik Kost 36/2002) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003; **Michael Borg vs. Onorevoli Prim'Ministru et** (Rik Kost 22/2016 LSO) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2016; **L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et** (Rik Kost 36/2011) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Jannar 2016.

taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent [P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Victor Bonavia v. L-Awtorita` tal-Ippjanar et.***]; (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni [Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Bannister et*** (kollez. Vol: LXXVIII.I.48) u Kost. **12.12.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***]; u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u lprocess l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali [P.A. Kost. **29.10.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubbikata)];

"Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat [Kost. **14.5.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku***]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali [Kost. **31.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et***]."[23]

Stabbilit il-qafas legali, u kif ukoll l-insenjament tal-Qrati nostrana rigward il-materja in kwistjoni, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tapplika l-principji surreferiti ghal kaz li ghandha quddiemha u tara jekk ir-rikorrenti

[23] Ara wkoll **Dr Mario Vella noe vs. Joseph Bannister nomine** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 1994.

kellhomx *o meno* ghad-disposizzjoni taghhom rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizzaw il-lezjoni lamentat minnu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu id-Direttur tas-Sigurtà Socjali indika biss li r-rikorrenti kellhom jezawrixxu r-rimedju li jipprovdi l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 125 li jaqra hekk:

> "(2) Fi żmien tletin jum minn meta jiġi nnotifikat b'ittra uffiċjali taħt l-aħħar subartikolu qabel dan, ir-rekwiżizzjonat, b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'kontestazzjoni tad-Direttur, jista' jitlob għall-awtorizzazzjoni sabiex ma joqgħodx għal dik it-talba [...]"

L-imsemmi Direttur naqas milli jaghti aktar taghrif dwar dan ir-rimedju. Din il-Qorti izda tqis li gie awtorevolment enfassizat li s-sidien ta' proprjetà li giet rekwizizzjoni ma kellhomx rimedju ordinarju effettiv sabiex jikkontestaw rekwizizzjoni mahruga mhux skont l-interess pubbliku. Dan il-punt gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Magro vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Mejju 1997 fejn inghad li

> "Ir-rikorrenti tirraviza l-inaccessibilita' tar-rimedju taht il-ligi ordinarja mill-fatt illi l-Qrati taghna b'konsistenza monotona kwazi dejjem qalu li l-hrug ta' *Requisition Order* kien att insindakabbli mill-Qrati. Ir-rikorrenti ticcita sensiela ta' sentenzi li indubbjament jifformaw korp konsistenti u formidabbli ta' gurisprudenza li jikkonsidraw l-ordni ta' rekwizizzjoni bhala att *iure imperii* li ma jista bl-ebda mod jigi attakat jekk mhux in kwantu difettuz fil-forma."

F'dan ir-rigward issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Saviour Paul Portelli vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 36/2019LSO) moghtija fis-16 ta' Lulju 2019 fejn gew ritenuti l-principji applikabbli in materja:-

> "Madanakollu bħala prinċipju ġie ribadit fil-każ "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Q.K. – 5 ta' April 1991) jidher ċar li l-leġislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi Kostituzzjonali tagħna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, għandha dejjem u tassattivament teżawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taħt il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna dwar l-eżerċizzju *o meno* tal-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha. Ovvjament, tali diskrezzjoni għandha tintuża ġustament u raġonevolment.

Illi l-Awtorita' issemmi li r-rikorrent seta' jimpunja l-allokazzjoni skont l-artikolu 8 tal-Kap 125 - L-Att dwar id-Djar.

Illi qieset li ċ-ċirkostanzi li l-liġi imsemmija tippermetti kontestazzjoni huma estremi tant li r-rekwiżizzjonat irid juri li bir-rekwiżizzjoni ser ibagħti "*konsegwenzi ħorox*" u li l-fatt li hu jixtieq il-pussess tal-bini għall-użu tiegħu nnifsu jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu fiha innifsha ma titqiesx bħala tbatija ta' konsegwenza ħarxa.

Ikkonsidrat li fl-aħħar mill-aħħar, il-Qrati ordinarji mhumiex aditi bil-ġurisdizzjoni oriġinali f'materja ta' leżjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali. Dan jispetta lill-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali tagħhom. Din il-Qorti tifhem ukoll li ċ-ċittadin li qiegħed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu jew ta' theddida ta' ksur, mhuwiex tenut li jfittex rimedju quddiem il-Qrati ordinarji meta dan ikun ineffettiv. F'din iċ-ċirkostanza, l-applikazzjoni ħażina tal-artikolu 46(2) u 4(2) tissarraf bħala mezz ta' prolungament inutili ta' sofferenza għal min hu vittma ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

Fattispecie simili ġiet ikkonsidrata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Ian Peter Ellis et. v Avukat Generali et**. - deċiża fis-27 ta' Marzu 2015 fejn ġie ribadit:-

"Jigi osservat fir-rigward li, għalkemm il-Kaptan Ellis seta' legalment attakka l-ordni tar-rekwiżizzjoni meta ħarġet, il-fatt li hu kien kostrett li jagħżel bejn, jew li jibqa' bir-riskju tat-telf tal-pussess tal-fond riżultat tal-effett ta' dik l-ordni, jew inkella jidhol fi ftehim dirett mal-inkwilin impost fuqu, m'għandux iwassal neċessarjament għall-konklużjoni li allura, imputet sibi, bir-riżultat li la hu u lanqas is-suċċessuri tiegħu ma jistgħu qatt iressqu b'suċċess pretensjoni ta' leżjoni tad-drittijiet proprjetarji tagħhom. Fi kliem ieħor, il-fatt li l-ordni ma kinitx ġiet attakkata m'għandux ikun ta' xkiel jew impediment leġittimu għar-rikorrenti sabiex dawn jipproċedu bi proċeduri kostituzzjonali biex tiġi indirizzata l-lanjanza tagħhom konsistenti fil-fatt li huma kostretti bil-liġi li jibqgħu jaċċettaw kera miftiehma ħafna snin ilu, liema fatt, skont huma, huwa leżiva tad-dritt tagħhom ta' proprjeta`, u anke tad-dritt kontra d-diskriminazzjoni. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar qawwa fid-dawl tad-diskrepanza enormi eżistenti bejn il-kera li qed jirċievu r-rikorrenti u l-valur lokatizju tal-fond fuq is-suq ħieles."

[...]

Ir-rimedji fuq imsemmija m'humiex effettivi billi fiz-zewg cirkostanzi, kemm il-Prim'Awla tal-qorti Civili (fil kaz tal-Kap 125), kemm il-Bord

tal-Kera (fil-kaz tal-Kap 69) huma marbutin li japplikaw il-ligi ordinarja li ma tindirizzax lilmenti b'mod effikaci."

Fl-isfond ta' dawn il-principji gurisprudenzjali din il-Qorti hija tal-fehma li din l-eccezzjoni m'hijiex akkoljibbli. Dan ghaliex il-proceduri ordinarji ndikati ma kinux ser ikopru l-lanjanzi ta' ksur ta' dritt ghat-tgawdija ta' proprjetà kif imressqa fil-proceduri odjerni. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija u tghaddi sabiex tirrespingi t-tieni eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali, tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika, tal-Awtorità tal-Artijiet u tal-kjamat in kawza Awtorità tad-Djar.

**Azzjoni insostenibbli kontra l-Awtorità tal-Artijiet**

L-intimat Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita' tal-Artijiet, ecceppixxa "li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu tal-lanjanza tar-rikorrenti ma taqax fil-mansjonijiet tiegħu u għalhekk ma jweġibx għall-ewwel u t-tielet talba rikorrenti. Inoltré, b'referenza għat-tieni talba kif redatta fir-rikors promutur, l-esponent Kummissarju tal-Artijiet jirrileva li huwa ma jistax iniedi l-proċedura formali għall-esproprju sakemm ma jiġix affaċjat b'talba f'dan is-sens minn xi Dipartiment tal-Gvern jew Awtorità Pubblika. In kwantu ma saret l-ebda talba f'dan is-sens rigwardanti l-fond mertu tar-rikors promutur, it-tieni talba tar-rikorrenti hija f'dan l-istadju insostenibbli kontra l-esponent Kummissarju tal-Artijiet".

Ghal din l-eccezzjoni r-rikorrenti jispjegaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li "l-pożizzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet f'din il-kawza hija fis-sens illi jekk il-Qorti taghti rimedju li l-proprjeta ghandha tigi esproprijata u moghtija lill-intimat, jkun il-Kummissarju tal-Artijiet li jkun il-firmatarju fuq l-att opportun."[24]

Ikkunsidrat;

Huwa minnu, li l-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorità tal-Artijiet, m'ghandhiex il-manzjoni li tohrog ordnijiet ta' rekwizizzjoni u dan ghaliex taqa' purament fid-diskrezzjoni tal-Awtorità tad-Djar, kif gia spjegat aktar 'il fuq. Izda fid-dawl tal-ispjegazzjoni moghtija mir-rikorrenti jkun ghaqli li f'dan l-istadju l-Kummissarju tal-Artijiet jigi dikjarat bhala legittimu kontradittur. Il-Qrati tagħna gia fissru li d-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti f'kawza tkun legittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet imqajma kontra t-talbiet rikorrenti, tasal ghall-konkluzjoni li l-intimat – meqjus *prima facie* bhala legittimu

[24] Pagna 260 tal-process.

kontradittur – jista', wara l-kunsiderazzjoni tal-kawza, jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabbilitajiet lilu addebitati mir-rikorrent fl-azzjoni minnu tentata[25].

**Prova li r-rikorrenti huma l-propjetarji**

Fl-eccezzjoni nnumerata 4.1 l-intimati jghidu li r-rikorrenti ghandhom igiu prova li huma l-propjetarji fuq il-fond mertu tal-kawza.

Kif gie ripetutament asserit mill-Qrati, f'kawzi ta' natura kostituzzjonali m'huwiex imperattiv li r-rikorrenti jressqu prova tat-titolu assolut fuq il-proprjetà mertu tal-kawza. Fis-sentenza li inqrat fis-7 ta' Frar 2017 fil-kawza **Robert Galea vs. Avukat Generali et** (Rik. Kost. 50/2015JRM) din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:-

> "Illi biex wieħed ikun f`qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni [u bl-istess ħsieb tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol] m`għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta` jedd fundamentali kienet waħda ta` rivendika (Kost. 27.3.2015 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et***). Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta` dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista` jieqaf għall-pretensjonijiet ta` ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun."

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Victor Gatt et vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 55/2009) tal-5 ta' Lulju 2011 fejn kienet ikkonfermat id-decizjoni fl-ewwel istanza:

> "Din il-qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix wahda *rei vindicatoria*, u kwindi mhux mehtieg il-prova diabolika ta` titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-ezitu ta` din il-kawza".

Ladarba din tal-lum m'hijiex azzjoni ta' revendika mhux mehtieg il-grad ta' prova rikjest ghall-kawzi simili ghal dak li jirrigwarda prova tat-titolu.

---

[25] **Marouska Fenech vs. Support Services Limited et** (Rik Ġur Nru 388/14 JRM) deċiża mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 2018 (pendenti fl-appell). Ara wkoll **Frankie Refalo et vs. Jason Azzopardi et** (Appell Ċivili Nru 1365/1992/2 deċiża 5 t'Ottubru 2001.

Ghal kawzi bhal din m'hijiex rikjesta l-prova dijabolika tat-titolu ta' proprjetà. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti pprezentaw kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni redatt fl-atti tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel datat 21 ta' Dicembru 1999[26].

In oltre din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija kemxejn barra minn lokha meta tqis li l-Gvern kien digà dahal f'konvenju mar-rikorrenti bhala sidien tal-fond mertu tal-kawza u ghalhekk kien digà irrikonoxxa li r-rikorrenti huma l-propjetarji.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta bil-prova tat-titolu mressqa mir-rikorrenti..

**Lezjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

Ferm il-premess jehtieg issa li l-lanjanza tar-rikorrenti tigi deliberata fid-dawl tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**. It-tieni talba tar-rikorrenti hija marbuta mal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

"(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –
(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;
(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u
(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:

> Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

[26] Pagna 30 et seq tal-process.

(2) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà –

(a) bi ħlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet;

(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta`, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta` ħtija ta` reat kriminali;

(c) wara l-attentat ta` tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta` xi liġi;

(d) bħala teħid ta` kampjun għall-finijiet ta` xi liġi;

(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jiġi misjub f`art ħaddieħor jew mitluf;

(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor;

(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta` persuni dikjarati falluti b`sentenza jew xort`oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta` stralċ jew likwidazzjoni;

(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati;

(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta` ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;

(j) bħala konsegwenza ta` xi liġi dwar il-preskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew id-drittijiet ta` suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta; jew

(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta` xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta` art, l-egħmil fuqha –

(i) ta` xogħol ta` konservazzjoni ta` ħamrija jew il-konservazzjoni ta` risorsi naturali oħra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` ħsara tal-gwerra; jew

(ii) ta` żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.

(3) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta` xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taħt l-art.

(4) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi għat-teħid ta` pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta` xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess

> pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f`Malta."

L-intimati jirribattu li dan l-artikolu japplika biss meta jkun hemm tehid forzuz tal-proprjetà. Isostnu li sabiex wiehed jista' jitkellem dwar tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi svestita minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjetà, li mhux il-kaz bil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni fejn ir-rikorrenti ma tilfux ghal kollox id-drittijiet taghhom fuq il-proprjetà in kwistjoni. L-intimat Avukat tal-Istat isostni li l-mizura msemmija fil-ligi li qed tigi attakata mir-rikorrenti, hija biss kontroll fl-uzu u fit-tgawdija tal-proprjetà ghaldaqstant tali mizura ma twassalx ghal deprivazzjoni totali tal-propjetà.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Domenic Mintoff et vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et** (Rik Kost 32/2007) datata t-28 t'April 2014, fejn il-Qorti Kostituzzjonali sostniet li

> "... hu principju guridiku ben affermat illi r-rekwizizzjoni ta' fond ghandha bhala effett li tispossessa lis-sid rekwizizzjonat b'mod li minn mindu ssir u sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibilita' tieghu m'humiex aktar f'idejh, izda f'idejn l-amministrazzjoni li rrekwizizzjonat il-fond, u allura s-sid *pro tempore* m'ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond".

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Philip Grech pro et noe vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et** (Rik Kost 60/2006RCP) (riformata mill-Qorti Kostituzzjonali solament fir-rigward tal-quantum tal-kumpens b'sentenza tas-7 ta` Dicembru 2010) inghad hekk:-

> [...] t-tfixkil fit-tgawdija tal-possediment tar-rikorrenti huwa stat ta` fatt kontinwu u li ghadu jippersisti sal-lum. Ma jistax jinghad illi r-rikorrenti ghandhom it-tgawdija pacifika tal-fond in kwistjoni u dan peress illi r-rikorrenti llum jinsabu fi ftehim ma` terz inkwilin konsegwenza u naxxenti mill-ordni ta` rekwizizzjoni mahruga mill-Gvern u bl-allokazzjoni tal-fond de quo mill-intimat lill-intervenut fil-kawza, u allura ir-relazzjoni li hemm bejn l-intervenut fil-kawza u r-rikorrenti li zviluppat sallum hija effett tal-istess ordni ta` rekwizizzjoni. Dan l-istat ta` fatt baqa` jippersisti sakemm l-ordni tar-rekwizizzjoni tibqa` fis-sehh u hekk ghadha il-posizzjoni sallum u ghalhekk certament l-effett tal-istess ordni hija ta` natura kontinwa

("**Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et**" (A.C. – 16 ta` April 2004).[27]

M'ghandux ikun hemm dubju illi ordni ta' rekwizizzjoni hi limitazzjoni fid-dritt tas-sid li juza l-proprjeta' tieghu tant li sakemm tibqa' *in vigore* l-ordni, il-pussess effettiv tal-proprjetà hu f'idejn l-Awtorità tad-Djar u mhux f'idejn is-sid. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jistabilixxi illi ebda pusses ma jista' jittiehed b'mod forzat hlief fejn il-ligi tistabilixxi dan u fejn hemm pagament ta' kumpens adegwat.

Ghalkemm huwa minnu li l-gurisprudenza nostrana kienet ghal medda ta' zmien tqis li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli biss meta jkun hemm tehid forzuz tal-proprjetà, il-gurisprudenza l-aktar recenti imxiet lil hemm minn dik precedenti. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato et vs. L- Awtorita tad-Djar et** (Rik Kost 104/2014MC) deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 2016, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2017 fejn intqal illi:

"L-Avukat Generali jikkontendi illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghaliex b'ordni ta' rekwizizzjoni ma hemmx tehid izda biss kuntroll ta' uzu. Din kienet l-interpretazzjoni li kienet tinghata sa xi zmien ilu izda ricentement il-Qorti Kostituzzjonali wessghet il-portata ta' dan l-artikolu li qieset li kull kontroll ta' uzu, intiz b'tali mod biex jippriva b'mod sostanzjali lis-sid milli jaghmel uzu kif jixtieq mill-proprjeta tieghu allura dan jekwivali ghal tehid ta' 'interess' f'dik il-proprjeta u jaqa' fil-protezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni. Ara **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et**, (Kost 24/06.2016). Ghalhekk dan l-artikolu hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni bhala principju ta' dritt billi ordni ta' rekwizzizzjoni hi tehid ta' 'interess' f'dik il-proprjeta u hi fl-effetti taghha wiesa u rigida u tippriva lis-sid mill-uzu liberu tal-proprjeta"

Il-legislatur ried li tinghata interpetazzjoni wiesgha ghall-oggett ta' tehid li jista' jkun "interess" jew "dritt" fi proprjetà "ta' kull xorta." Dan jinghad ukoll fuq l-iskorta ta' dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Gunju, 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Curmi et vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 68/2010):

"Jigi osservat li, ghalkemm il-kaz odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-tehid ta' interess fi proprjeta ghal skopijiet ta' kirja,

[27] Ara wkoll **Michael Farrugia et vs. L-Avukat Generali et** (Rik Kost 79/2016 AF) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 t'Ottubru 2020.

dan it-tehid ta' interess tant hu rigidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bhala sidien mill-uzu u mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom."

Dan il-hsieb rega' gie affermat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Rose Borg vs. Avukat Generali et** (Rik Nru 25/2013) tal-11 ta' Lulju 2016:

> "Din il-qorti tosserva illi ma kinitx għal kollox korretta l-ewwel qorti meta qalet illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jolqotx każ bħal dak tal-lum ta' "kontroll ta' użu ta' proprjetà". Meta l-"kontroll ta' użu ta' proprjetà" jolqot, bħal fil-każ tal-lum, interess – li mhux bilfors ikun in re – fil-proprjetà dak il-kontroll ta' użu jista' wkoll, jekk ma jkunx b'kumpens, għal skop xieraq, u proporzjonat għal dak l-iskop, ikun bi ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni.''"

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gurisprudenza indikata mill-intimati li tghid li l-kontroll ta' uzu u tgawdija ta' proprjetà huwa ezenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni, hi tal-fehma li f'dan il-kaz non si tratta semplicement ta' kontroll ta' uzu[28] izda si tratta ta' tehid ta' interess fi proprjetà u ghalhekk jaqa' fil-protezzjoni tal-artikolu kostituzzjonali fuq citat.. Il-kontroll ta' uzu tal-proprjetà previst mill-Kapitolu 125 ghandu jigi kkunsidrat ukoll taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Mill-provi migbura jirrizulta sodisfacentement illi b'effett tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni r-rikorrenti u l-ante kawza taghhom gew assoggettati ghal relazzjoni ta' sid u inkwilin ghal perijodu indefinit. Issib illi d-dritt u l-interess kif fuq spjegat tar-rikorrenti u l-ante kawza taghhom fil-proprjetà de quo ittiehed a favur l-intimati Direttur tas-Sigruta Socjali u s-Supretendent tas-Sahha Pubblika b'mod obbligatorju minghajr hlas ta' kumpens xieraq.

Huwa pacifiku li bil-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni, id-drittijiet tal-propjetarji f'dan kaz ir-rikorrenti, gew milquta b'effett immedjat. Meta l-Awtorità tad-Djar harget l-ordni ta' rekwizizzjoni in ezami hija hadet il-pussess tal-fond hekk kolpit bil-ghan li tiddisponi minnu fit-termini tal-Kapitolu 125. Dan ifisser ghalhekk li l-uzu tal-fond de quo ma baqax aktar taht il-kontroll tal-avanti kawza u sussegwentement ir-rikorrenti, izda ghadda immedjatament taht il-kontroll tal-kjamata in kawza. Ir-rekwizizzjoni tal-fond in kwistjoni, anke jekk mhux meqjusa esproprjazzjoni formali jew de facto xorta wahda tikkostitwixxi kontroll

[28] Ara **Michael D'Amato noe vs. Awtorita tad-Djar et** (Rik Nru 104/2014) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fis-6 t'Ottubru 2016.

assolut ta' l-uzu taghha da parti tal-Istat u ghalhekk taqa' fl-ambitu tal-protezzjoni kostituzzjonali kif indikat fis-suespost.

Fid-dawl ta' din l-ahhar konsiderazzjoni kif ukoll fid-dawl ta' dak li gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti tqis li fil-kaz odjern, ladarba l-kontroll ta' l-uzu u tat-tgawdija tal-proprjetà in kwistjoni huwa tali li jippriva b'mod sostanzjali lis-sidien milli jaghmlu uzu kif jixtiequ minnha minghajr kumpens adegwat, dan jikkostitwixxi tehid ta' interess fil-proprjetà u b'hekk jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**Lezjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja**

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku ġu bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
> Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

Ir-rikorrenti jsostnu li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni iccahhadhom mid-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Min-naha l-ohra l-intimati u l-kjamat in kawza, fl-eccezzjonijiet taghhom kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom jeccepixxu li l-Istat ghandu kull dritt li jghaddi dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà skont l-interess generali u jgawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri socjali mehtiega ghall-harsien tal-interess generali.

Din il-Qorti tqis li rigward l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea ghal dan l-Artikolu hu ormai kostanti fis-sens li:

> "*Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the*

*second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also Broniowski v. Poland [GC], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004-V). Hutten-Czapska v Poland).*"[29]

Dwar l-interess pubbliku, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **James v. Ir-Renju Unit** (21 ta' Frar 1985) spjegat:

"*46. Because of their direct knowledge of their society and its needs the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is "in the public interest". Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken (see, mutatis mutandis, the Handyside judgment of 7 December 1976,Series A no. 24, p. 22, para. 48). Here, as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of appreciation. Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinions within a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation. In other words, although the Court cannot substitute its own assessment for that of the national authorities, it is bound to review the contested measures under Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) and, in*

[29] **Hutten-Czapska v. Poland** (Appl. Nru. 35014/97) deciza fid-19 ta' Gunju 2006.

*so doing, to make an inquiry into the facts with reference to which the national authorities acted*."

Ikkunsidrat;

L-ghan tal-**Kapitolu 125, l-Att dwar id-Djar,** kien li jaghti lill-Gvern id-dritt li jirekwizizzjona fond sabiex jintuza fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi akkomodazzjoni socjali. Fiz-zmien meta harget l-ordni ta' rekwizizzjoni fil-kaz tal-lum fit-23 t'April 1956, l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 125, qabel l-emendi tal-1989, kien jaqra hekk:

> "Jekk is-segretarju jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista' jghammar, huwa, jista' johrog rekwizizzjoni ghal kull bini, u jista' jaghti istruzzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega jew xierqa sabiex ir-rekwizizzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega jew xierqa sabiex ir-rekwizizzjoni tista' jkollha effett jew tista' ssehh."

Is-sentenza ewlenija f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs. Awtorita tad-Djar et** (Rik Kost 104/2014MC) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-6 t'Ottubru 2016 fejn gie kkunsidrat is-segwenti:

> "Il-Qorti tqis pacifiku illi mill-mument tar-rekwizizzjoni l-fond beda jintuza bhala ufficcju distrettwali tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u ghadu jintuza hekk sallum. Ghalkemm l-ordni ta' rekwizizzjoni tindika li l-iskop tar-rekwizizzjoni kien ghall-akkomodazzjoni socjali, fil-fatt dan ma kienx l-uzu li sar mill-fond. Din fil-fatt hi lanjanza fil-premessi tar-rikorenti li din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok.
>
> [...]
>
> "Dan l-artikolu [l-Artikolu 3(1)] gie emendat fl-1989 fejn hu applikabbli biss biex jipprovdi akkomodazzjoni socjali. Maghdud dan, jigi rilevat mill-bidu illi ghalkemm l-ordni ta' rekwizizzjoni tindika l-iskop bhala 'uzu ghal akkomodazzjoni socjali', pero fil-fatt il-fond ittiehed u ntuza bhala ufficcju distrettwali ghad-dipartiment tas-servizzi socjali. Bla dubju ghalkemm id-dikjarazzjoni u l-uzu effettiv kienu differenti, il-Qorti ma tqis illi r-rekwizizzjoni saret kontra l-ligi jew saret ghal skop mhux legittimu. Il-Qorti tqis li r-rekwizizzjoni tal-fond ghall-uzu bhal ufficcju distrettwali tas-servizzi socjali kien qed jaqdi l-interess pubbliku in generali tac-cittadin li jista' jinqeda f'ufficcju tal-Gvern bla ma joqghod imur il-boghod mid-distrett tieghu biex jinqeda

fuq kwistjonijiet ta' sigurta socjali, cioe kwistjonijiet li huma certament ta' interess pubbliku. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi nonostante d-dicitura uzata fl-ordni ta' rekwizizzjoni, ir-rekwizizzjoni saret skond il-ligi in vigore f'dak iz-zmien u ghal skop pubbliku fl-interess pubbliku."

B'applikazzjoni ghal kaz odjern, din il-Qorti tosserva li l-Ordni ta' Rekwizzjoni ghal fond mertu tal-kawza taghti x'tifhem li r-rekwizizzjoni fil-fatt kienet sejra ssir sabiex tinghata ghall-akkomodazzjoni u dan meta l-istess Ordni tibda billi tghid li "huwa mehtieg fl-interess pubbliku sabiex in-nies ikollhom fejn joqghodu [...]."[30] Din il-Qorti izda, bhal Qorti diversament preseduta fis-sentenza hawn fuq kwotata tqis li r-rekwizizzjoni saret skont il-ligi u dan ghaliex s-servizzi li jinghataw minn dan il-fond jaqdi l-interess pubbliku in generali. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni de quo, bhala tali, kienet legali u legittima fil-kuntest tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll stante li inharget fl-interess pubbliku kif gia spjegat.

**Il-Kriterju tal-Proporzjonalita'**.

Dak li jmiss li jigi meqjus huwa jekk kienx rispettat il-kriterju tal-proporzjonalità li huwa vitali ghall-fini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni **Scerri v. Malta** (Appl Nru 36318/2018) deciz fis-7 ta' Lulju 2020 rriteniet li

*"43. [...] a taking of property can be justified only if it is shown, inter alia, to be "in the public interest" and "subject to the conditions provided for by law". Any interference with property must also satisfy the requirement of proportionality. As the Court has repeatedly stated, a fair balance must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirement of protecting the individual's fundamental rights, the search for such fair balance being inherent in the whole of the Convention. The requisite balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, §§ 69-74, Series A no. 52, and Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 78, ECHR 1999-VII).*

*"44. Compensation terms under the relevant legislation are material to the assessment of whether or not the contested measure respects the requisite fair balance and, in particular, whether it imposes a*

[30] Pagna 85 tal-process.

*disproportionate burden on the individuals (see Jahn and Others v. Germany [GC], nos. 46720/99, 72203/01 and 72552/01, § 94, ECHR 2005-VI). In this connection, the taking of property without payment of an amount proportionate to its value will normally constitute a disproportionate interference, whilst a total lack of compensation can be considered justifiable under Article 1 of Protocol No. 1 only in exceptional circumstances. However, Article 1 of Protocol No. 1 does not guarantee a right to full compensation in all circumstances. Legitimate objectives in the "public interest", such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may warrant reimbursement of less than the full market value (see Tagliaferro & Sons Limited and Coleiro Brothers Limited v. Malta, nos. 75225/13 and 77311/13, § 68, September 2018)."*[31]

Fis-sentenza surreferita fl-ismijiet **Domenic Mintoff et vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et** il-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-28 t'April 2011 ikkonkludiet li

"Huwa rikonoxxjut li l-Istat għandu d-dritt u s-setgħa li jirregola l-użu tal-propjeta` fl-interess ġenerali. F`dan l-eserċizzju l-Istat għandu jgawdi marġini wiesgħa ta` diskrezzjoni, għad illi l-eserċizzju ta` diskrezzjoni għandu jibqa` dejjem f`limiti li jassiguraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit ikun hemm proporzjon fis-sens li min ikun sofra l-inġerenza jew privazzjoni tal-propjeta` tiegħu ma jkunx assoġġettat għal sagrifiċċju partikolari.

Anke fil-każ tal-lum din il-Qorti trid tassikura li billi ordni ta` rekwiżizzjoni timponi implikazzjonijiet legali fuq is-sid in relazzjoni mal-persuna li lilu jkun ġie allokat il-fond de quo, is-sid ma jinkorrix *a disproportionate and excessive burden*.

Fil-każ tal-lum, din il-Qorti ssib li r-rikorrenti ġarrbu dan id-*disproportionate and excessive burden*.

Irriżulta minn naħa waħda li r-rikorrenti kellhom jissokkombu kontra r-rieda tagħhom għal ordni ta` rekwiżizzjoni ta` fond propjeta` tagħhom, u fl-istess waqt kien pretiz minnhom li jitħallsu l-ammont ta` kera li kien jitħallas fiż-żmien li ħarġet l-ordni ta` rekwiżizzjoni u dak l-ammont jibqa` nvarjat għal erba` u għoxrin (24) sena sħaħ u ċioe` sal-2010 meta ħarġet d-*derequisition order*.

[31] Ara wkoll **Ghigo v. Malta** (Appl Nru 31122/05) deciza fis-17 ta' Lulju 2008; kif ukoll **Fleri Soler and Camilleri v. Malta** (Appl Nru 35349/05) deciza fis-26 ta' Settembru 2006.

> Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti ġarrbu *a disproportionate and excessive burden* għaliex kienu mistennija *to bear most of the social and financial costs of supplying housing accommodation* bl-Istat Malti jonqos milli jfittex u jsib *the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant`s right of property*."

Il-Perit Tekniku Godwin Abela nominat mill-Qorti fir-rapport ipprezentat fid-9 ta' Jannar 2018 ikkonkluda li l-valur tas-suq tal-fond in ezami huwa erba' mija u hamsin elf Ewro (€450,000) u l-valur lokatizzju fis-sena 2017 kien ta' erbgha u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin Ewro (€24,750) fis-sena. Il-Perit indika wkoll li l-valur lokatizzju fis-sena 1967 kien ta' tlett mija u sittin Ewro (€360) fis-sena. Mill-kuntratt li gie iffirmat fis-17 t'April 2003 bejn il-Gvern u r-rikorrenti jirrizulta li l-intimati Direttur tas-Sigurtà Socjali kien ihallas il-kera ta' tletin Lira Maltin (Lm30) fis-sena filwaqt li s-Supretendent tas-Sahha jhallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm22), total ta' tnejn u hamsin Liri Maltin (Lm52) ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tlettax-il centezmu (€121.13).

Mir-rikors promotur jirrizulta li r-rikorrenti kienu qeghdin jircievu mija, disgha u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezamu (€159.89) fis-sena. Id-distakk enormi bejn l-istima tal-valur lokatizju prezentata mill-Perit Tekniku Godwin Abela u dak li effettivament jithallas huwa aktar milli evidenti. Huwa ghalhekk car li l-Istat falla t-test tal-kriterju tal-proporzjonalità stante li ma jirrizultax li ntlahaq bilanc gust bejn l-interess pubbliku li u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom. Jigi sottolineat li anke jekk il-valur tal-kera stabbilit mil-ligi mhux bilfors ikun daqs kemm irendi s-suq hieles xorta wahda meta tigi mqabbla l-kera baxxa li effettivament kienet qed tithallas mill-inkwilini ma' dik li l-proprjetarji tal-fond setghu ikunu ntitolati ghaliha skont ir-rati tas-suq hieles kif indikati mill-Perit Godwin Abela allura l-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li l-piz li kellu jingarr mis-sidien kien ferm eccessiv u sproporzjonat. Dan iwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalità bejn l-iskop socjali tal-mizura u d-dritt tal-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Qorti tilqa' l-ewwel talba u ssib li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Ikkunsidrat;

***Kumpens***

Ir-rikorrenti f'din l-azzjoni, apparti li qeghdin jitolbu kumpens kemm ghad-danni pekunjarji kif ukoll dawk non-perkunjarji,i qeghdin jitolbu lill-Qorti tordna li l-proprjetà tigi rilaxxata u tghaddi lilhom bhala libera u franka u f'kaz li dan ma tistax isir, qeghdin jitolbu lill-Qorti tordna l-esproprju tal-istess fond.

**Danni pekunjarji u non-pekunjarji**

Ma hemmx ebda dubju li in vista tal-fatt li r-rikorrenti sofrew piz sproporzjonat meta kienu imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom kawza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158, huma ghandhom jinghataw rimedju xieraq.

Fil-kaz **Domenic Mintoff et vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et** surreferit il-Qorti Kostituzzjonali osservat is-segwenti:

> "20. [a] Dwar just satisfaction, ir-regola hi li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-Istat għandu jipprovdi **restitutio in integrum**. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibbli l-Qorti għandha tagħti just satisfaction. Id-deċiżjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni waħedha tkun biżżejjed hija l-eċċezzjoni u għandha tkun riservata għal każijiet fejn hemm rimedju jew il-konsegwenzi huma żgħar. Fil-każijiet l-oħra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti għandha tagħti kumpens pekunjarju għal dik il-vjolazzjoni. Hu biss riċentement li l-Qorti ta' Strasbourg bdiet tindika f'ċerti każijiet forom speċifiċi ta' riparazzjoni bħal bdil fil-liġijiet.[ara Q.Kos.55/2009/1 – **Victor Gatt et v. Avukat Ġenerali et, deċiż-** 5 Lulju 2001; Q.Kos 57/2009 **Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar et**, deċiż 24 Frar 2012].
>
> 21. [b] "Under Art.41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied. It is therefore not for the court to quantify the amount of rent due in the future." [**Amato Gauci v. Malta,** deċiż, 15 Settembru 2009, para.80]
>
> 22. [c] Il-kompitu ta' din il-Qorti hu, li meta ssib leżjoni tordna li jitħallas kumpens xieraq, u għall-vjolazzjoni tad-dritt fundametali riskontrat. Din il-Qorti tirribadixxi li l-kumpens f'kawża ta' natura kostituzzjonali mhux ekwivalenti għal danni ċivili li huma rikuperabbli quddiem il-qrati ordinarji [ara **P. Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, deċiż 7 Dicembru 2010; Mifsud v Bonnici, deċiż 18 Settembru 2009].

23. [d] Kumpens xieraq għandu jieħu in konsiderazzjoni l-għan leġittimu li mmotiva l-miżura tar-rekwizizzjoni, u li l-kumpens jista' jkun anqas mill- kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-kriterji tas-suq. F'materja ta' kumpens il-Qorti Ewropea osservat, inter alia, hekk: "It has further considered the legitimate purpose of the restricion imposed, reiterating that legitimate objectives in the 'public interest' such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value [see James and Others, cited above, para.54, and Jahn and Others v Germany [GC] nos. 46720/99, 72203/01 and 72552/01, para.94]". [**Amato Gauci v. Malta**, deciza 15 Dicembru 2009, para.77]

24. Fil-mertu din il-Qorti tosserva fit-tielet talba tagħhom, ir-rikorrenti qed jitolbu kumpens "b'riżultat tal-okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi u b'konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom…". L-ewwel Qorti laqgħet din it-talba u llikwidat il-kumpens fuq il-kriterji dwar ir-revizjoni tal-kera kull ħmistax-il sena stabbiliti fil-Kap.158, u waslet għall-figura ta' €7,535. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher li, mill-mod kif waslet għall-imsemmi ammont, l-ewwel Qorti llikwidat il-kumpens għall-okkupazzjoni, iżda mhux għall-vjolazzjoni konvenzjonali. Hija kkumpensat lir-rikorrenti b'ammont li kien dovut lilhom bil-liġi li kieku l-post kien soġġett għal-lokazzjoni f'ċirkostanzi normali. Mill-banda l-oħra, stante li l-ewwel Qorti m'ghamlitx distinzjoni dwar in-natura tal-kumpens likwidat minnha, anke jekk jiġi argumentat li dak l-ammont jirrappreżenta kumpens kemm għall-okkupazzjoni kif ukoll għall-vjolazzjoni konvenzjonali, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ammont huwa baxx.

Għaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li, fil-limiti ta' din il-konsiderazzjoni, l-aggravju huwa ġustifikat fis-sens li l-intimat għandu jħallas ammont ulterjuri li jirrappreżenta kumpens mhux pekunjarju għal-lezjoni sofferta. Fil-komputazzjoni ta' dan l-ammont, għandu jittieħed in konsiderazzjoni, minn naħa waħda l-għan soċjali tal-miżura u l-fatt li l-okkupazzjoni tal-fond saret versu korrispettiv ta' kera li għalkemm baxx hu skont il-liġi, u min-naħa l-oħra l-fatt li għal ċirca 24 sena r-rikorrenti kienu ġew privati mill-pussess u kontroll tal-proprjeta' tagħhom soġġetta għal kera baxxa tenut kont tal-valur lokatizzju tagħha fuq is-suq miftuħ."

Ghalkemm, huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' lezjoni tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax necessarjament

ma' likwidazzjoni ta' danni civili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali ghandhom jigu injorati ghall-finijiet tal-ezercizzju odjern.

Fil-fatt dwar id-danni pekunjarji l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni moghtija minnha fit-18 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Walter Delia et vs. Chairman tal-Awtorità tad-Djar** (Rik Kost 54/2009) irriteniet illi ghalkemm hemm distinzjoni bejn il-kuncett ta' kumpens ghal ksur ta' dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u l-kuncett ta' danni civili:

> "għandu jingħad li l-estenzjoni tad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna taffettwa l-estenzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali tagħha wkoll, u għalhekk dawn ma jistgħux ma jittieħdux in kunsiderazzjoni. Kif spjegat lewwel Qorti m'hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi lill-Qorti milli tillikwida somma għad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna b'riżultat ta' leżjoni ta' dritt fundamentali."

Mehudin dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti sejra tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens ewlenin fosthom:

1. Id-diskrepanza sostanzjali li hemm bejn il-kera li r-rikorrenti rcevew minghand l-inkwilini kawza tal-limitazzjonijiet fil-quantum massimu tal-kera u l-kera li l-fond kellu potenzjal jattira fis-suq hieles li kieku l-fond ma kienx suggett ghall-Ordni ta' Rekwizizzjoni;

2. Il-fatt li wara li gie emendat l-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 125 fis-sena 1989, il-fond ma giex derekwizizzjonat hekk meta ma kienx qieghed jintuza ghal skopijiet ta' akkomodazzjoni kif kienet hekk tirrikjedi l-ligi bl-emenda;

3. L-inerzja da parti tal-Istat, li matul is-snin baqa' passiv ghall-htiega ta' ntervent legislattiv effettiv sabiex johloq bilanc proporzjonat bejn il-pizijiet u d-drittijiet ta' persuni fil-qagħda tar-rikorrenti;

4. L-ordni li ser taghti din il-Qorti sabiex l-Ordni ta' Rekwizizzjoni ma jibqax ikollha aktar effett;

5. Il-fatt li l-Gvern kellu proprjetajiet ohra fil-lokalita' in kwistjoni;

6. Il-valur lokatizju stabbilit mill-perit tekniku.
   ;

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens gust li ghandu jinghata lir-rikorrenti huwa dak ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000) bhala kumpens pekunjarju u s-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000)

bhala danni non-pekunjarju u liema kumpens ghandu jithallas mill-Awtorità tad-Djar bhala l-awtorita` responsabbli mill-hrug ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni.

**Ripresa tal-fond**

Fit-tieni talba taghhom ir-rikorrenti qeghdin jitolbu wkoll ir-ripresa tal-fond bhala parti mir-rimedju.

L-**Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 125,** wara l-emendi tal-1989 u kif ghadu hekk sal-lum minghajr ebda emendi ohra, jipprovdi li

> “Jekk id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku, iżda biss bil-għan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista’ jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta’ dawk il-postijiet fejn wieħed jista’ jgħammar, huwa jista’ joħroġ rekwiżizzjoni għal kull bini, u jista’, jagħti struzzjonijiet li jidhirlu li huma meħtieġa jew xierqa sabiex ir-rekwiżizzjoni tista’ jkollha effett u tkun tista’ sseħħ”

B’differenza minn dak li kien jipprovdi dan l-artikolu qabel l-emendi, f`din id-disposizzjoni, hemm specifikati l-iskop u l-parametri li ghandhom jidderiegu lid-Direttur ta` l-Akkomodazzjoni Socjali meta jigi biex johrog ordni ta’ rekwizizzjoni. Ir-rekwizizzjoni ghandha ssir dejjem fl-interess pubbliku. Izda mhux biss. Il-legislatur illum jikkwalifika dan l-interess u jispecifika illi rekwizizzjoni ghandha ssir biss bil-ghan li tipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista’ jghammar jew bil-ghan li jigi zgurat t-tqassim xieraq ta’ dawk il-postijiet fejn wiehed jista’ jghammar.

L-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 125 gie trattat fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim’Awla (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph John Edwards pro et noe vs. Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali** (Rik Kost 1033/1996), ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Frar 2005, inghad li

> “Huwa ragjonevolment car li l-ligi qeghda hawn tikkonsidra tliet ipotesijiet indipendenti (i) dik ta` l-interess pubbliku ; (ii) dik tal-provizjoni ta` djar ; u (iii) dik tat-tqassim ekwu tad-djar. Logikament pero` “mhux bizzejjed illi r-rekwizizzjoni tkun saret inter alia, fl-interess pubbliku, ghaliex ladarba dak il-`public interest` gie limitat bil-kliem `for providing living accomodation`, il-portata tar-rekwizizzjoni giet limitata ghall-iskop ta` l-abitazzjoni, u mhux ukoll ghal skopijiet ohra ta` interess pubbliku”

Referenza ssir ukoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs. Awtorita tad-Djar et** moghtija mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-6 t'Ottubru 2016 succitata fejn kkonkludiet li:

> "Il-Qorti tazzarda zzid illi meta nbidlet il-ligi fl-ahhar tat-tmeninijiet tnehha bhala raguni ta' rekwizizzjoni l-interess pubbliku. Nonostante dan it-tibdil fil-ligi, l-istat baqa' jokkupa u juza l-fond minghajr ma d-derekwizizzjona l-fond billi l-iskop tal-interess pubbliku certament ma baqax raguni ghal rekwizizzjoni."

In segwietu ghall-fatt li l-interess pubbliku wahdu fl-Artikolu 3 sukwotat gheb, il-Qorti temmen li z-zamma tal-pussess tal-fond mill-Awtorità m'hijiex misthoqqa tenut kont li l-imsemmi artikolu jesigi illi rekwizizzjoni ssir biss ghal fini ta' akkomodazzjoni socjali. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li bhala parti mir-rimedju, d-Direttur tas-Sigurtà Socjali u s-Supretendent tas-Sahha m'ghandhomx jibqghu igawdu mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni mertu ta' din il-kawza fir-rigward tal-fond 101, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema u ghalhekk l-Awtorità tad-Djar ghandha tohrog b'effett immedjat ordni ta' derekwizizzjoni fuq l-imsemmi fond,

In vista ta' din il-konkluzjoni, ma hemmx il-htiega li tigi kkunsidrata t-tieni parti tat-tieni talba u cioe il-parti fejn il-Qorti qieghda tintalab tordna l-esproprjazzjoni. Maghdud ma' dan ghandu jinghad ukoll li galadarba din il-Qorti m'hijiex sejra tidhol fil-kwistjoni hawn imsemmija, il-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorità tal-Artijiet, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati u mill-Awtorità kjamata in kawza konformement ma' dak hawn fuq deciz,

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali (illum Avukat tal-Istat) u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) b'effett tal-hrug ta' l-Ordni ta' Rekwizzjoni fuq il-fond 101, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema;

3. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara u tordna illi l-intimati d-Direttur tas-Sigurtà Socjali u s-Supretendent tas-Sahha Pubblika m’ghandhomx jibqghu igawdu mill-protezzjoni tal-Ordni ta’ Rekwizizzjoni mertu ta’ din il-kawza fir-rigward tal-fond 101, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema; thassar l-ordni ta' rekwizizzjoni fir-rigward tal-fond de quo u tordna ghalhekk lill-Awtorità tad-Djar sabiex tohrog b’effett immedjat ordni ta’ derekwizizzjoni fuq l-imsemmi fond, u taghti lura l-fond battal lir-rikorrenti fi zmien tlett xhur mil-lum;

4. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida d-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta’ mija u hamsin elef Ewro (€150,000) u d-danni non-pekunjarji fis-somma ta’ hmistax-il elf Ewro (€15,000);

5. Tikkundanna lill-intimata Awtorità tad-Djar thallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta’ mija u hamsa u sittin elf Ewro (€165,000) rapprezentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati.

Spejjez a karigu tal-Awtorità tad-Djar intimata hlief dawk tal-Avukat tal-Istat gia' Avukat Generali li ghandhom ibatuhom ir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**